MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59/2019

Il-Ħamis 21 ta' Marzu 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:
Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Is-Sindku qal illi ma ġiex infurmat li ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Marija Saliba kienet skużata.

### 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 58/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

59.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

59.2.3 Il-Viċi Sindku ressaq emenda tal-minuti 58.4.5 u 58.4.8. Kien hemm qbil mill-membri u l-minuti ġew emendati. Kopja tal-minuti emendati ngħatat lill-membri preżenti.

59.2.4 Il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba għamel xi mistoqsijiet dwar il-minuti 58.2.5 biex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-kompetizzjonijiet tal-Milied biex ħadd ma jpoġġi l-ebda dell ikrah fuqu dwar dan. Huwa staqsa dwar l-ilment imsemmi mis-Sindku u dwar it-tibdil żgħir li sar fl-istess kompetizzjonijiet.

59.2.5 Il-Kunsillier Chev. Carmelo Saliba xtaq li jżid u jiċċara l-minuti 58.4.8 fejn saħaq li fl-ewwel pagament ta' Triq taċ-Ċaqra huwa m'astjeniex għax sar jaf dwar il-bini tal-ħajt tas-sejjieħ ta' ħuh wara dak il-vot, fil-laqgħa ta' mal-Perit x'ħin qallu s-Sindku. Huwa żied jgħid li dwar il-kumment tas-Sindku li fil-Partit hemm nuqqas ta' dixxiplina, il-Partit tiegħu qatt ma ddettalu kif għandu jivvota fil-laqgħat tal-Kunsill. Sostna li kemm ilu fil-Kunsill qatt ħadd ma ndaħallu kif jivvota waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

59.2.6 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li wara li kellu stedina għal-laqgħa mat-tfal ta' EkoSkola mill-Iskola Primarja taż-Żebbuġ, ħarġu b'suġġeriment sabiex inkabbru l-għarfien u nillimitaw l-użu tal-i*straws* tal-*plastic* fl-istabilimenti kummerċjali ġewwa ż-Żebbuġ u Marsalforn. It-tfal kitbu ittra sabiex tintbagħat lill-istabilimenti kummerċjali bil-posta u jixtiequ li tiġi akkumpanjata b'ittra mill-istess Kunsill. Il-membri nnutaw dan u laqgħu dan is-suġġeriment tat-tfal b'sodisfazzjon.

59.3.2 Is-Sindku ppreżenta l-programm tas-serata tat-tnedija tal-ktieb miktub mill-Professur Horatio Vella bl-isem *Żebbuġ of Gozo : Its People, Inscriptions and History* li ser issir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 2019 fil-Ministeru għal Għawdex. Is-serata ser titella' bis-sehem tal-Kor Regina Angelorum u diversi mistiedna li ser jagħmlu intervent qasir dwar l-okkażjoni u wara jkun hemm riċeviment żgħir. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

59.3.3 Is-Sindku informa lill-membri dwar *email* li l-Kunsill iċċirkola mal-membri fuq l-avvenimenti tal-'Gozo Alive'. Is-Sindku qal li wara li ma kienx hemm rispons lura mill-kunsilliera l-oħra, huwa ħa l-inizjattiva li jibgħat proposta lill-kumitat tal-'Gozo Alive' b'żewġ attivitajiet li l-Kunsill kien jorganizza fil-jiem ta' qabel Jum iż-Żebbuġ biex b'hekk il-Kunsill itaffi ftit mill-ispiża tiegħu għal dawn iż-żewġ attivitajiet. Din il-proposta ma ġietx aċċettata mill-kumitat tagħhom.

59.3.4 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li ser toħroġ sejħa għall-applikazzjoni taħt il-fond tal-EAFRD Miżura 4.4 sabiex jinbnew ħitan tas-sejjieħ fil-lokalita'. Hu qal li jekk il-Kunsill huwa nteressat, ser issir laqgħa f'Malta fil-5 t'April 2019 biex ningħataw aktar informazzjoni. Kien hemm interess dwar dan mill-membri preżenti u kien hemm qbil biex jinbeda l-proċess mal-Perit tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni.

59.3.5 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar ħsarat li qed iseħħu fil-fanali dekorattivi li jinsabu fil-pjazza li ġew installati anqas minn erbgħa snin ilu. Huwa qal li ser jiġi vverifikat li dawn għadhom taħt garanzija u ser isiru t-taħdidiet neċessarji mal-fornitur tagħhom. Kien hemm qbil li jitwaħlu *spotlights* temporanji sakemm tissolva l-kwistjoni.

59.3.6 Is-Sindku ressaq quddiem il-membri għall-approvazzjoni l-armar tal-Ġimgħa l-Kbira li ssoltu jsir mill-għaqda tal-armar tal-festa għall-prezz ta' €1,100. Dan jikkonsisti f'armar ta' slaleb ma' arbli, li jixgħelu bil-lejl mad-dawra tal-pjazza. Kien hemm qbil dwar dan.

59.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li Triq Għajn Mhelhel dalwaqt jibda x-xogħol mill-kuntrattur. Hu qal li qed jiġri wara l-kuntrattur biex jiffirma l-kuntratt u jagħmel il-garanzija bankarja hekk kif stipulat fl-istess kuntratt.

59.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li l-laqgħa mal-ġenituri tat-tifel li ġarrab xi ġrieħi f'inċidenti bir-rota fi Triq il-Qbajjar f'Marsalforn ser issir fil-jiem li ġejjin u ser jiġu nfurmati l-membri kollha tal-Kunsill kif ukoll tal-Kumitat biex jattendu.

59.3.9 Is-Sindku informa lill-membri dwar il-progress tax-xogħol ta' Triq Wied L-Abjad taħt il-miżura EAFRD 4.3. Huwa qal li dik il-ġimgħa mar fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill u mal-kuntrattur. Minħabba kwistjoni ta' saħħa u sigurta' għal dawk li jużaw din it-triq speċjalment bl-imħaret, il-*grasspaver* fin-nofs tat-triq hekk kif approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar, ser ikun ta' periklu kbir għalihom. Fuq il-post il-Perit irrakkomanda li dan isir mal-ġenb tat-triq fejn it-triq hija wiesgħa, u ma jsirx fejn it-triq hija dejqa ħafna. Il-Perit tal-Kunsill ser jissottometti applikazzjoni mal-istess awtorita' b'dawn it-tibdiliet u r-raġunijiet. Kien hemm qbil dwar dan.

59.3.10 Is-Sindku informa lill-membri dwar l-istat ta' Triq is-Sagħtrija. Huwa qal li wara taħdidiet mal-Onorevoli Clint Camilleri dwar dan, kien hemm qbil minnu li hekk kif jingħalqu l-kontijiet ta' Triq Wied l-Infern u Triq Wied L-Abjad u jibqa' xi bilanċ mill-fondi tal-istess miżura applikati, ser jipprova jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex il-fondi li jibqa' jintużaw biex issir Triq is-Sagħtrija kollha kemm hi. Is-Sindku qal li minħabba l-proċess għat-tlestija ta' Triq Wied l-Abjad ser jieħu fit-tul aktar milli previst, jaqbel li x-xogħol ta' patching bil-konkos f'din it-triq isir malajr biex nevitaw kull periklu bħalma ġie propost fil-laqgħat ta' qabel. Huwa qal li tawwal id-deċiżjoni dwar dan minħabba t-taħdidiet li kienu qed isiru, iżda issa li hemm konferma mill-Onorevoli Camilleri wara li raw l-istat ta' din it-triq, ix-xogħol jista' jsir minnufih. Kien hemm qbil mill-membri li jsir xogħol ta' *patching* bil-konkos mill-ħaddiema tal-Kunsill.

59.3.11 Is-Sindku informa lill-membri li l-kuntrattur Road Construction Co. Ltd. jixtieq li ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill, mal-Accountant tal-Kunsill kif ukoll mal-membri kollha preżenti dwar kontijiet pendenti li għadhom dovuti lilhom mill-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kuntrattur bagħat email illum fejn il-kunsilliera ġew ikkuppjati fir-risposta biex jara meta ser tkun il-laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri li dil-laqgħa jew aħjar *business plan* issir qabel tmiem il-leġislatura.

## 59.4 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur : Ottubru 2018 – Diċembru 2018

59.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 t'Ottubru 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018. Huwa qal li dan ir-rapport qed jirrifletti r-riżultati murija fil-*Financial Statements* approvati fil-laqgħa preċedenti.

59.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Christian Cassar enfasizza li jekk il-Kunsill mhux ser jimxi strettament mal-*budget* li ġie mfassal dawn il-problemi ser jibqgħu hemm u jistgħu anke jikbru. Saħaq li l-membri tal-Kunsill iridu joqogħdu pass lura mis-suġġerimenti li jressqu biex dan l-iżbilanċ jiġi rkuprat.

59.4.3 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur : Ottubru 2018 – Diċembru 2018 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

## 59.5 Proposti mill-iSkemi għas-Servizz tal-Ġbir tal-iSkart Riċiklat

59.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li wara li ntbagħtet espressjoni għall-interess liż-żewġ skemi għas-servizz tal-ġbir tal-iskart riċiklat fiż-Żebbuġ u Marsalforn, kien hemm biss interess minn skema waħda li ppreżentat il-proposti tagħha, Green MT.

59.5.2 Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li la darba ma kienx hemm interess mill-iskema l-oħra għal dan is-servizz u ma hemmx għażla oħra, għandu jiġi ffirmat kuntratt ġdid ma' Green MT u jiġu mħarsa l-kundizzjonijiet kollha.

## 59.6 Skeda tal-Ġbir tal-iSkart għax-Xhur tas-Sajf (SL 549.40)

59.6.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv attenda laqgħa ma' rappreżentatnti tal-Ministeru għall-Ambjent u ma' rappreżentanti ta' WasteServ Malta Ltd., dwar tibdiliet li jistgħu jsiru fl-avviż legali dwar il-ġbir tal-iskart.

59.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fid-diskussjoni magħhom huwa enfasizza l-importanza li f'Marsalforn l-iskeda tal-ġbir tal-iskart tkun bħalma kienet is-sena l-oħra, biex post turistiku bħal Marsalforn tinżamm l-indafa kuljum, u dan wara li s-sena l-oħra l-iskeda tal-ġbir tal-iskart laħqet l-għan tal-Kunsill bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex.

59.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din il-proposta ma sabet fl-ebda ħin l-appoġġ tagħhom, bir-risposta tkun li tiżdied il-ġabra ta' nhar ta'Ħadd wara nofsinhar u li ser jiżdied l-infurzar min-naħħa tal-ERA. Ir-rappreżentanti wieġbu li mhux aċċettabbli li tinġabar il-borża s-sewda kuljum jew saħansitra jkun hemm ġabra tal-borża s-sewda darbtejn fl-istess ġurnata.

59.6.4 Fl-istess laqgħa ġie diskuss ukoll l-andament tal-iskeda l-ġdida minn Ottubru 2018 sal-preżent fejn ħareġ il-fatt li r-rata ta' riċiklaġġ fil-lokalita' mhix tilħaq l-aspettattivi u l-miri tagħhom.

59.6.5 Wara diskussjoni mill-membri tal-Kunsill għal dak li ntqal mis-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil mil-membri sabiex il-proposta bl-iskeda l-ġdida għax-xhur tas-Sajf f'Marsalforn għandha tintbagħat bħall-iskeda tas-sena l-oħra. B'hekk il-Kunsill ikun għamel mill-aħjar biex tinżamm l-indafa f'Marsalforn.

## 59.7 Jum iż-Żebbuġ

59.7.1 Is-Sindku ppreżenta lill-kunsilliera programm t'attivitajiet li jwasslu għas-serata ta' Jum il-lokalita'. Dawn jinkludu:

- Ħarġa għat-tfal tal-iskola bit-*trackless train* bħalma saret is-sena l-oħra, fejn jingħataw ftit frott u flixkun ilma lil kull student bħala promozzjoni għall-ikel tajjeb għal saħħitna.

- Quddiesa tal-okkażjoni fil-knisja ta’ San Pawl f’Marsalforn fis-26 t’April 2019 u janimaw il-quddiesa Cini Band bħalma jsir kull sena.
- *Sports Day* bil-kollaborazzjoni ta’ Żebbuġ Rovers FC fis-27 t’April 2019 fid-9.00 ta’ filgħodu. Tingħata tifkira tal-okkażjoni u jkun hemm *bouncing castle*.
- Serata ta’ Jum iż-Żebbuġ fis-27 t’April 2019 ġewwa s-sala ta’ Villa Fiorita bis-sehem tal-banda tas-Soċjeta’ Filarmonika Santa Marija taż-Żebbuġ u l-kor Regina Angelorum. Waqt is-serata jiġu ppreżentati tifkiriet lil dawk kollha li gradwaw fl-aħħar sena jew kellhom xi kisbiet personali, lill-istudenti, kif ukoll lill-membri kollha li fl-aħħar 25 sena servew kemm fil-Kunsill Lokali kif ukoll fil-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn. Bħalma kien hemm qbil f’laqgħa preċedenti, Ġieħ iż-Żebbuġ jingħata li ex-Arċipriet il-Kanonku Fr. Reuben Micallef u l-profil ser jithejja mill-Kunsillier is-Sur Christian Cassar li wera x-xewqa li jagħmel dan.
- Tberik tal-pets fi Pjazza l-Assunta nhar it-28 t’April 2019 fid-9.00 ta’ filgħodu u tingħata tifkira tal-okkażjoni lil kull parteċipant.
- Quddiesa fl-okkażjoni ta’ Jum iż-Żebbuġ fil-Knisja taż-Żebbuġ nhar it-28 t’April 2019 fil-11.00 ta’ filgħodu.

59.7.2 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil mill-membri preżenti għal dan il-programm.

## 59.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

59.8.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Issir pressjoni permezz ta’ ittra lil Transport Malta, Lands Authority u lill-Ministeru għal Għawdex, sabiex it-Trasport Pubbliku jilħaq lir-residenti tal-inħawi tal-Ponta. Kien hemm qbil dwar dan.
- Jimtela’ bil-konkos gandott li hemm faċċata tar-residenza tal-Kunsillier Chev Carmelo Saliba jiġifieri mir-residenza ta’ S. Cini ‘l isfel. Kien hemm qbil dwar dan.
- Triq ta’ Milied tkun aċċessibbli għat-traffiku sabiex il-lokalita’ jkollha aċċess alternattiv fil-jiem li t-toroq prinċipali tar-raħal ikunu magħluqa minħabba xi attivitajiet. Huwa qal li tkellem mas-sidien li għandhom ir-raba hemmhekk u qal li huma lesti li jilħqu

ftehim sabiex dan isir. Is-Sindku wieġeb li ftit snin ilu diġa' kien sar tentattiv simili u kien hemm preżenti uffiċċjal mit-Taqsima tas-CMU iżda s-sidien tar-raba kienu waqfu milli jsir dan ix-xogħol. Chev Carmelo Saliba qal li huwa bżonn fil-lokalita' li Triq ta' Milied tiġi aċċessibli għat-traffiku. Kien hemm qbil li ssir talba lill-Lands Authority, lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura.

- Fil-bidu ta' Triq tal-Kanun isir *patching* bil-konkos fil-parti ta' bejn il-konkos eżistenti u t-*tarmac*. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li jista' jkun hemm xi problemi dwar min hu s-sid ta' din il-parti sa fejn jibda t-*tarmac*. Il-Viċi Sindku qal li ser jiċċekkja dwar dan.
- Isiru *rumble strips* f'parti minn Triq Għajn Mhelhel minħabba sewqan perikoluż li qed ikun hemm. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru *dragon teeth* sabiex ma jkunx hemm ilmenti mir-residenti li joqogħdu fl-inħawi dwar storbju tal-karozzi x'ħin jgħaddu minn fuqhom. Kien hemm qbil dwar id-*dragon teeth* u li jsir *traffic management plan* mill-Perit.
- Issir talba lill-Ministeru għal Għawdex fis-sistema tagħhom biex titranġa Triq Ħabel it-Twil fejn jispiċċa l-bini. Kien hemm qbil dwar dan.
- Jitranġaw id-dwal ta' quddiem Horizon Restaurant u jsiru għotien ġodda tal-i*spactions* tad-dawl li hemm nieqsa minħabba l-periklu. Kien hemm qbil dwar dan.
- Fakkar dwar il-periklu fi Triq ix-Xwejni u biex jerġa' jsir it-taraġ li jagħti minn din it-triq għall-bajja.
- Fakkar dwar il-bozza l-ġdida fi Triq il-Ponta u oħra fi sqaq fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn inxtraw u ser jitwaħħlu mill-kuntrattur fil-jiem li ġejjin.
- Fakkar fi Triq is-Sellum sabiex jitnaddaf it-terrapien u l-ġebel il-kbir li hemm fil-passaġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x-xogħol f'din it-triq qed isir.
- Issir talba lil Transport Malta sabiex is-servizz tat-Trasport Pubbliku jkun aktar frekwenti f'Marsalforn fejn fix-Xitwa jkun ta' kull tlett kwarti filwaqt li fis-Sajf jkun ta' kull nofs sija. Kien hemm qbil li din għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn qabel issir it-talba.
- Fakkar dwar il-bankina ta' Trejqet l-Andar biex issir rampa aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x-xogħol ser isir fil-jiem li ġejjin.

- Talab għall-kopja tal-ittra li kienet saret fil-Qorti t'Għawdex fuq il-kwistjoni tad-*double yellow lines* fi Triq Skapuċċina.
- Isir reminder sabiex jitranġaw il-ġibjuni ta' Triq Ħabel it-Twil sabiex jinħażen aktar ilma għall-użu tal-bdiewa.

59.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Christian Cassar staqsa dwar proposta li kien ressaq sabiex il-kontijiet tad-dawl u l-ilma jibdew jitħallsu fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser jiċċekkja mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jara x'kien il-progress wara li l-Kunsill wera din ix-xewqa.

59.8.3 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba staqsa dwar proposta li kien ressaq sabiex parti minn Triq Mons De Piro ssir *one-way* u t-traffiku jdur minn Triq il-Mitħna. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadha kif waslet l-approvazzjoni minn Transport Malta u t-tabelli ser jitwaħlu fil-jiem li ġejjin.

59.8.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-proġetti li ser isiru permezz tal-fondi tad-DPF. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ħarġu s-sejħiet għall-offerti li ser jagħlqu fil-jiem li ġejjin.

59.8.5 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ppropona li jsir xogħol ta' *patching* bil-konkos fit-triq li minn tal-Konti tagħti għal tal-Ħluq kif ukoll isir *patching* fit-toqob li hemm minn Ġnien Serħan is-Sagħtrija sa ras ir-Reqqa fix-Xwejni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

59.8.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ppropona li ssir Ħarġa Kulturali f'Malta nhar is-16 t'April 2019 fejn inżuru r-Redentur tal-Isla, il-monti tal-Birgu, naqsmu l-Belt Valletta bid-dajgħsa u nżuru l-Arka ta' Noe. Bħas-soltu l-Kunsill iħallas it-trasport. Kien hemm qbil mill-membri biex jinħareġ avviż għal din il-ħarġa.

## 59.9 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

59.9.1 Ċirkulari AKL 2019/019 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Benny Casha ex-Kunsillier fil-Kunsilli Lokali tal-Imqabba u t-tifel tas-Sur Giuseppe Casha s-Sindku tal-Isla. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.2 Ċirkulari AKL 2019/020 – Latrini Pubbliċi - Żoni Turistiċi. Il-Kunsill innota

l-kontenut.

59.9.3 Ċirkulari AKL 2019/021 – Preżentazzjoni Laqgħa Plenarja Frar 2019 – Innovazzjonigħall-lokal aħjar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.4 Ċirkulari AKL 2019/022 – Ringrazzjament – Sort it out bins. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.5 Ċirkulari AKL 2019/023 – Preżentazzjoni ta' donazzjoni miġbura mill-Kunsilli Lokali lil MCCF. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.6 Ċirkulari AKL 2019/024 – Ritratti Laqgħa Plenarja Frar 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.7 Ċirkulari AKL 2019/025 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 17. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.8 Ċirkulari AKL 2019/026 – Valutazzjoni ta' ħsarat kawżati mill-maltemp. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jibgħat lista ta' ħsarat li ġarrab.

59.9.9 Ċirkulari AKL 2019/027 – Bliet u Reġjuni għall-Integrazzjoni tal-Migranti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.10 Ċirkulari AKL 2019/028 – Stqarrija AKL 012019 Qbid tal-ħamiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.11 Ċirkulari AKL 2019/029 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Salv Saliba l-ewwel Sindku fil-Kunsilli Lokali taż-Żurrieq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.12 Ċirkulari Numru SPI 4/2019 – Regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar (L.S. 549.123). Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.13 Ċirkulari Numru SPI 5/2019 – Rebbiegħa fil-Komunita' – Xettel b'Ilwien in-Natura. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59.9.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser jagħlqu s-sejħiet għall-offerti tax-xogħlijiet fuq il-*playingfield* taż-Żebbuġ, tax-xogħlijiet għat-tlestija tal-latrina tax-Xwejni, tas-servizz tal-ġbir tal-iskart goff kif ukoll tas-servizz għall-kostruzzjoni ta' bankini. Kien hemm qbil mill-membri li jintgħażlu l-membri tas-soltu biex jiffurmaw il-

bord tal-evalwazzjoni.

59.9.15 Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat għal stima dwar xogħol ta' *railing* fi Triq Ħal Sagħtrija wara approvazzjoni tal-proposta mressqa fil-Kunsill. L-istima tammonta għal €690.30 inkluż il-VAT. Kien hemm qbil mill-membri li jsir dan ix-xogħol biex nevitaw kull periklu.

59.9.16 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija sabiex jaraw jekk il-Kunsill hux ser jorganizza l-attivita soċjali bħalma ssir kull sena fi żmien l-Għid il-Kbir bil-kollaborazzjoni tagħhom. Kien hemm qbil li din l-attivita' ssir s-Sibt 13 t'April 2019.

59.9.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Transport Malta li t-talba biex isiru *double yellow lines* quddiem St. Anthony Court, Triq Skapuċċina ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill innota dan. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsiru tlett kaxxi bojod minn quddiem ta' J. Saliba 'l isfel biex ikun hemm direzzjoni ta' kif wieħed għandu jipparkj. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

59.9.18 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-fornitur tal-*webcams* b'risposta għat-talba tal-Kunsill biex tinxtara t-tielet *webcam* bil-faċilita' li tiffoka sabiex tintuża flok li hemm preżentament u li qed ixxandar il-funzjonijiet tal-Knsija. Il-fornitur wieġeb li din il-faċilita' mhix possibbli f'servizzi bħal dawn ta' *live streaming*. Kien hemm qbil mill-membri sabiex titmexxa l-*webcam* u nevitaw l-ilmenti tan-nies. Dan ix-xogħol ser jiswa' €350 VAT eskluż.

59.9.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Żebbuġ Rovers FC sabiex issir laqgħa dwar l-avveniment tal-Beer Festival bħalma sar is-sena l-oħra. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li ssir laqgħa mal-għaqdiet kollha tar-raħal sabiex jitfassal il-programm tal-festa wkoll.

59.9.20 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur D. Xerri biex jiġi organizzat avveniment ta' *Community Clean-Up Day* f'Marsalforn u ż-Żebbuġ bil-kollaborazzjoni bejn il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, Il-Kunsill Lokali ż-Żebbuġ u Eco-Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. F'dan l-avveniment ikun hemm gruppi ta' voluntiera li jmorru f'postijiet identifikati u jinġabar skart mormi llegalment f'postijiet rurali ta' Marsalforn u ż-Żebbuġ. Qed ikun issuġġerit li ssir promozzjoni ta' dan l-avveniment fil-midja soċjali kif ukoll permezz ta'

*posters* li jitqassmu madwar il-gżira kif ukoll jinġabru xi *sponsors* biex għall-voluntiera jiġi provdut trasport u *snack* waqt l-avveniment. Qed jiġi propost sabiex għal dan l-avveniment ikun hemm kumitat organizzattiv li jkun jikkonsisti minn rappreżentanti tat-tlett entitajiet. Il-membri preżenti laqgħu din l-inizjattiva u wara talba simili li kienet tressqet mis-Sinjura Mary Rose Saliba, il-membri qablu li tkun parti minn dan il-kumitat organizzattiv flimkien maċ-*Chairperson* tal- Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn u Kunsilliera li jixtiequ jkunu parti minn dan il-kumitat organizzattiv li ser jiġi mwaqqaf għal dan l-avveniment.

59.9.21 Ilment 03/2019 – D.Cordina
Jitlob biex titwaħħal tabella sabiex ma jkomplux jaħslu trakkijiet tal-konkos fil-bidu ta' Triq Wied L-Infern. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

59.9.22 Ilment 04/2019 – Ġ. Saliba
Jitlob sabiex jerġa' jinbena l-ħajt tas-sejjieħ li waqa' bil-maltemp fi Triq iċ-Ċaqra. Kien hemm qbil li ssir talba permezz tas-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

59.9.23 Ilment 05/2019 – D.Cordina
Jitlob sabiex issir rampa fil-bankina quddiem ir-residenza Chez Blanche fi Triq Ħabel it-Twil. Kien hemm qbil li ssir talba permezz tas-sistema tal-Ministeru għal Għawdex.

59.9.24 Ilment 06/2019 – C. Fiteni u M. Mizzi
Jitolbu li jsiru *double yellow lines* fil-kantuniera ta' bejn Triq Zaqi u Triq Dun Franġisk Stivala. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

59.9.25 Ilment 07/2019 – P. Mizzi
Titlob sabiex titranġa bil-konkos l-parti tat-triq quddiem il-garaxx għax qed jidħol l-ilma ġewwa wara li tagħmel ix-xita. Kien hemm qbil dwar dan.

59.9.26 Ilment 08/2019 – C. Saliba
Jilmenta dwar l-istat ta' Triq Għajn Mhelhel u jitlob li jsir ftit patching fil-bidu tan-niżla lejn ix-Xwejni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

59.9.27 Ilment 09/2019 – A. Debono
Jitlob sabiex issir *disabled parking bay* quddiem Panorama Court, Triq

Għajn Mhelhel minħabba d-diżabilita' severa li jsofri. Il-membri talbu għal *site plan* fejn qed jissuġġerixxi li ssir.

59.9.28 Ilment 10/2019 – K. Cini
Jitlob sabiex titranġa r-rampa tal-bankina peress li x'ħin idaħħal il-karozza qed issir ħsara lill-karozza. Kien hemm qbil dwar dan.

59.9.29 Ilment 11/2019 – J. Xuereb
Jitlob sabiex titwaħħal mera tat-traffiku faċċata ta' Dar tal-Mohra, Triq Għajn Mhelhel. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill.

## 59.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Il-minuti tal-laqgħa bin-numru KAM 46/2019 tal-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ġew approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

## 59.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 44/2019 għall-perjodu bejn l-14 ta' Frar 2019 u l-20 ta' Marzu 2019 li tammonta għal €106,428.37 ġiet approvata u ffirmata.

## 59.12 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 59.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 t'April 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 t'April 2019.

| | |
|---|---|
| *Iffirmati* | *Iffirmati* |
| Nicky Saliba | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |